MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 118/2009

**Nazzareno sive Ronnie Gauci**

**vs**

**Mark Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-attur ipprezenta rikors fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-1 ta’ April 2009 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma bilancjali ta’ erbat elef u mitt Ewro (€4,100) rapprezentanti bilanc minn somma akbar minnu dovuta lilu ghal xoghol u materjal ta’ tqeghid ta’ madum tal-art, *skirting* u kmamar tal-banju, liema xoghol gie esegwit mill-attur fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-Ittra Ufficcjali numru 4790/2008 datata 4 ta’ Novembru 2008 prezentata a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju Numru 1259/3/2009 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra

ufficcjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li hu ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fejn eccepixxa s-segwenti:-

I. "*Illi in linea preliminari it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-konvenut ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur u mhux il-legittimu kontradittur.*

*2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li x-xoghlijiet effettwati mill-attur ma sarux skond is-sengha u l-arti.*

*3. Illi sussidarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz mill-attur fl-avviz mhux dovut.*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Rat l-affidavit ta' **Mark Camilleri** prezentat fl-atti nhar is-6 ta' Mejju 2010 (fol. 17). Din il-Qorti pero' ser taghmel referenza ghal dan l-affidavit b'mod partikolari ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kawza stante li l-ewwel eccezzjoni illum tinsab deciza.

Camilleri tenna li huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur ta' din is-socjeta' attrici u ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar tliet snin. Ikkonferma li s-socjeta' kienet akkwistat permezz ta' kuntratt datat 14 ta' April 2008 fl-atti tan-Nutar Naomi Micallef Mugliette (Dok FC1) minghand il-genituri tieghu il-proprjeta' fi Triq l-Orsolini, G'Mangia fejn l-attur eventwalment ghamel xi xoghlijiet.

Qal li f'Novembru 2007 huwa beda jixtri xi madum minghand il-hanut MRCD f'Hal Qormi u l-*invoices* relattivi nhargu f'isem is-socjeta' (Dok FC2). Ikkonferma li Henriette, impjegata tas-socjeta' MRCD, kienet gharrfitu bl-attur u wara xi ftit ta' zmien kienu ghamlu kuntatt bejniethom. Ikkonferma dak li qal l-attur li kienu ftehmu dwar il-prezz tax-xoghol u dwar dak li kellu jaghmel. Huwa kkonferma li kien ukoll ghamel pagament akkont lill-

attur b'cekk tas-socjeta' fl-ammont ta' elf u hames mitt Lira (Lm1,500) kif jirrizulta minn kopja tac-cekk esebit u mmarkat bhala Dok FC3 u mhux is-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1,000) kif stqarr l-attur.

Sahaq li huwa kien iltaqa' fuq il-post ma' l-attur u dan kien tah stima verbalment u kienu qablu dwarha, ghalkemm jistqarr li l-prezzijiet moghtija mill-attur kienu jinkludu l-VAT. Spjega illi x-xogholijiet li kellu jaghmel l-attur kienu jikkonsistu fi tqeghid ta' madum fil-komun, jigifieri fit-turgien u l-entratura (li hija zghira fid-daqs) kif ukoll fil-flats numri 2 u 3 u l-*penthouse* inkluz l-kmamar tal-banju ta' dawn.

Ikkonferma li f'Novembru 2007 l-attur beda bix-xogholijiet fil-partijiet komuni tal-blokk ta' appartamenti in kwistjoni. Qal li meta kien ikun hemm bzonn ta' xi materjal iehor gieli kien imur jigbru hu stess.

Spjega illi in segwitu, l-attur kien infurmah li fi Frar 2008 kien ser jieqaf mix-xoghol ghaliex kellu xi xogholijiet ohra ta' qablu u mbaghad ikompli f'Marzu 2008. Qal li l-attur ma kienx jibda post u jlestih izda kien ihalli dejjem xi haga nieqsa. Per ezempju fi flat numru 2 kien lesta l-madum tal-hajt tal-bathroom u l-art baqa' qatt ma ghamilha; l-iskirting kien ma lestihiex mad-dawra kollha. Qal li dan il-fatt ikkagunalu problemi fil-bejgh. Huwa beda jaghmillu pressjoni sabiex ilesti kompletament post post, izda l-attur beda jitolbu l-flus u ghal habta ta' Lulju 2008 qabad u waqaf minn jeddu. Qal li huwa ma riedx ihalsu l-kumplament qabel ma jlesti.

Imbaghad ghall-habta ta' Ottubru jew Novembru 2008 huwa kellu l-bejgh ta' xi post u ghalhekk kien ftiehem mal-attur li kellu jlesti ix-xoghol sabiex jithallas, ghaliex ma kienx lest li jghaddilu pagament iehor jekk ix-xoghol ma jkunx lest. F'dan l-istadju, l-konvenut qal li l-attur tah kont, li huwa esebit u mmarkat bhala Dok FC4, liema kont fil-fehma tieghu kien jinkludi wkoll ix-xoghlijiet li kellhom isiru u li ma kienx ghadhom saru. Fil-fatt qal li whud minnhom ghadhom ma sarux sa llum.

Minnufih huwa kien infurmah li kien hemm zball fil-kont peress illi huwa kien diga' halsu akkont is-somma ta' Lm1,500 u mhux Lm1,000 kif kien qed jippretendi li ircieva u qallu wkoll li r-rati li ftehmu dwarhom kien jinkludi il-VAT u ghalhekk il-bilanc kellu jkun ta' sebat elef, sitt mija u ghoxrin Ewro (€7,620) semmai li minnhom jergghu jitnaqsu s-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) tac-cheque. Qallu wkoll li fit-turgien kienu ftehmu l-prezz ta' elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200) li kien jikkomprendi t-turgien u l-entratura zghira. Pero' fil-frattemp kellu jitqabbad terza persuna certu Joseph Calleja sabiex ilesti l-entratura u ta' dan thallas is-somma ta' tlett mitt Ewro(€300). Dan kollu kellu jsir ghaliex sabiex ikunu jistghu jbieghu l-appartamenti kien hemm bzonn li l-entratura tkun lesta. Fuq dawn l-oggezzjonijiet l-attur dejjem qallu '*issa naraw'*. Huwa bi buona volonta' ghamillu tlett pagamenti li huma ndikati fuq wara ta' l-imsemmi Dok FC 3 u cioe' wiehed ta' elf, erba' mija u tmenin Ewro (€1,480), iehor ta' elfejn Ewro (€2,000) u l-ahhar wiehed ta' Euro 3640 biex b'hekk mill-bilanc miftiehem ta' sebat elef, sitt mija u ghoxrin Ewro (€7,620) (apparti l-Lm500 li semma [€1,164.69) sat-30 ta' Dicembru kien hemm bilanc ta' tlett elef, sitt mija u erbghin Ewro (€ 3,640). Rega' tenna li dan il-bilanc kien jinkludi xoghlijiet li kien ghad iridu jsiru. Tenna wkoll li ghalkemm kien kitiblu ripetutament sabiex itih l-ircevuti fiskali, l-attur baqa' qatt ma gabhom.

Huwa jkompli jixhed fil-mertu dwar l-allegat xoghol hazin li ghamillu l-attur u d-danni li huwa sofra bhala rizultat ta' dan l-ghemil tal-attur.

Ghal habta ta' Dicembru 2008 ix-xerrej tal-flat nurmu 3 certu Eric Mangion u martu Tomoko ndunaw li kien hemm difett fil-kmamar ta' wara ta' l-appartament u cioe' li t-tqeghid tal-madun ma kienx livellat kif suppost. Gauci beda jara f'min ser iwahhal izda eventwalment wara dewmien inutili accetta r-responsabbilita' ta' dan id-difett u li kellu jaqla' l-madum. Fil-fatt hekk ghamel pero' l-materjal kellu jerga' jinxtara. Gauci pero' ma xtarax il-materjal kif suppost kellu jaghmel u fil-fatt halsitu l-kumpanija. Minhabba f'din il-problema l-konvenju ma' Mangion li kien

jiskadi fil-31 ta’ Dicembru 2008 kellu jiggedded. Dawn ir-riparazzjonijiet ta’ l-attur damu tlett xhur sabiex isiru. Eric Mangion ma kienx qed jafda u ried li qabel ma jiffirma jivverifika x-xogholijiet. Dan ikkawzalu danni mhux biss f’imghaxijiet mal-bank, izda kellhom ukoll jipprovdu lil Mangion akkomodazzjoni alternattiva sakemm tlesta l-post u fil-fatt din swietu elf u tmien mitt Ewro (€1,800) u dan ghaliex Mangion kellu jivvaka il-fond fejn kien joqghod sal-31 ta’ Dicembru 2008.

Il-konvenut Mark Camilleri qal li apparti din il-problema ta’ Mangion, kien hemm problema fil-kamra tal-banju *ensuite* tal-flat numru 2 li kien inbiegh lill- certu Hans Pavanello u dan fis-sens li l-attur ma kienx ghamel l-art kif suppost u ghamel xoghol ta’ malajr u ta’ kafkaf u ghalhekk din kellha terga tinqala’ u jsir mill-gdid.  In oltre qal li l-attur ma kienx ghamel il-*grouting* ta’ hajt. Huwa ghalhekk ma setax jafdah aktar u ghalhekk kellu jqabbad terzi persuni sabiex ilestu x-xoghol  minfloku. Dan ix-xoghol kien jiswa erba’ mija u hamsin Ewro (€450). Minhabba f’dawn il-problemi ma bdewx jaqblu fuq il-kont li kien ipprezenta u li semma aktar’ l fuq u dan ghaliex ghalkemm ma kienx lesta x-xogholijiet kollha, huwa xorta wahda inkludihom fil-kont u barra minhekk ma naqqasx l-ispejjez zejda li kellhom isiru minhabba n-nuqqasijiet tieghu.

Flimkien mal-affidavit Mark Camilleri esebixxa rendikont ta’ l-ispejjez u danni li kellhom jithalsu mis-socjeta’ attrici minhabba n-nuqqasijiet ta’ l-attur u ta’ xogholijiet li ma sarux mill-attur (Dok FC 5). Qal li l-imghaxijiet zejda li kellhom jithalsu gew ikkalkolati fuq l-ammont ta’ bejgh tal-flat numru 3 biss i.e. € 128,115 u bir-rata kummercjali ta’ 8.5% ghal perijodu ta’ tlett xhur jigifieri z-zmien li l-attur dam sabiex jirranga l-izbalji. Spjega li minhabba d-dewmien fil-bejgh ta’ l-appartament ta’ Mangion ma setghax jinbiegh il-*penthouse* ghaliex il-bank kien qed jinsisti li jinbieghu flimkien. Pero’ d-danni kkawzati minhabba fid-dewmien tal-penthouse ma gewx kalkulati. Qal li minhabba dan l-izball ta’ l-attur, ix-xoghol kollu waqa’ lura u dan ghaliex ma twahlux il-galleriji peress li kellu jerga’ jigi l-*high up* sabiex tiddahhal it-torba u c-cement.

Huwa ghalhekk sostna li semmai il-prezz globali ghandu jkun ta' sebat elef, sitt mija u ghoxrin Ewro (€7,620) VAT inkluz. Mill-bilanc ta' tlett elef, sitt mija u erbghin Ewro (€ 3,640) ghandhom jitnaqsu l-ammont ta' elf, mija u erbgha u sittin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€1,164.68 (Lm500) li huwa l-ammont gja moghti lilu fid-depositi originali ta' LM1,500. Imbaghad minn dan l-ammont ghandhom jitnaqsu l-ammont ta €765.87 li huma x-xoghlijiet indikati fil-kont Dok FC 5 u li Gauci m'ghamilx. Dan ihalli bilanc ta' € 1,709.44 (vide Dok FC 6 favur l-attur. Pero' huwa ghandu jhallas id-danni fl-ammont ta' €5,352 u ghalhekk fadal bilanc favur is-socjeta' tieghu fl-ammont ta' €3,642.52.

Rat il-verbal tal-partijiet kif registrat fl-atti nhar id-9 ta' Marzu 2010 fil-kawza **<u>Rikors Numru 389/09 CSH fl-ismijiet 'Firm Camilleri Bros (Marketing) Company Limited –vs- Nazzareno sive Ronnie Gauci</u>'** li wkoll tinstema' minn din il-Qorti kif preseduta w talbu li x-xhieda hemm prodotta ghandha tapplika mutatis mutandi ghal din il-kawza.

Rat ix-xhieda moghtija mill-attur **Nazzareno sive Ronnie Gauci** nhar it-13 ta' Ottubru 2010. Huwa kkonferma li kien ghamel xi xoghol ghas-socjeta' MRCD li tbiegh il-madum, fis-sens li huma jirrakkomdawh ma' terzi persuni, pero' jithallas direttament mill-klijent. Qal li s-*salesperson* ta' din is-socjeta' kienet irrakomandatu ma' Mark Camilleri, li in segwitu talbu jaghmillu xi xoghol ta' tqeghid ta' madum fi blokka flats, fosthom it-tqeghid ta' turgien u t-tqeghid tal-kmamar tal-banju. Tenna li in segwitu kien iltaqa' fuq il-post mal-konvenut Mark Camilleri fi Triq l-Orsolini, G'Mangia. Qal li kien tah *quotation* fuq dak li kellu jaghmel u dan Camilleri accettaha. Spjega li l-prezz ma kienx jinkludi l-prezz ta' materjal izda ta' jdejh biss u l-materjal kellu jipprovdih il-konvenut.

Qal li kien qallu li biex iqieghed it-turgien ta' tliet sulari kien ser jiccargjah elf Lira Maltin (Lm1,000), kien ser izommlu bit-tliet Liri Maltin (Lm3) il-metru ghall-madum ta' l-art u mitejn Lira Maltin (Lm200) ghal kull kamra tal-banju.

Ikkonferma li karti bejniethom ma ffirmawx. Qal li kellu jaghmel xi xoghol ta' sollijiet pero' ta' dak kellu johodlu l-qies, u fil-fatt hekk kien ghamel u mar jigborhomlu u jqeghdhomlu izda baqa' ma thallasx taghhom.

Qal li l-maggor parti tal-materjal kien gabulu Mark ghalkemm jekk max-xoghol kien jonqsulu xi affarijiet, kien imur igibhom hu stess. Ikkonferma li kien ircieva cekk minghand Mark Camilleri fl-ammont ta' elf Lira Maltin (Lm1,000) tax-xoghol tat-turgien li kien ghamel. Qal li dan kien intestat lil missieru izda kien sarrfu hu u kopja tieghu ma kellux. Ta' dan il-hlas kien tah ricevuta f'ismu. L-ircevuta kitibha hu stess u dwar il-VAT ma kienu tkellmu xejn.

Qal li apparti din is-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1,000), Mark Camilleri ma tah l-ebda pagament iehor u fil-fatt kien ipprezenta ittra ufficcjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 ghall-bilanc.

Rat id-dokument esebit fil-kawza numru 389/09 a fol. 11, li huwa ittra ufficcjali maghmula mill-attur fil-konfront tal-konvenut Mark Camilleri proprju nhar l-4 ta' Novembru 2008 u minn ezami tal-affidavit anness mal-ittra ufficcjali jirrizulta li l-ilment tieghu huwa dak li dwaru xehed f'dawn l-istess proceduri.

In kontro-ezami nhar it-13 ta' Ottubru 2010 l-attur spjega li kuntrarjament ghal dak li qal Mark Camilleri huwa kien mar ghand il-hanut MRCD darba biss biex jigbor xi xoghol, u qal li ghamel hekk ghaliex Mark Camilleri kellu xi debitu ma' din is-socjeta' u ghalhekk ma xtaqx imur hu stess jigbor ix-xoghol. Qal li dakinhar kien mar l-istores taghhom, gabar ix-xoghol, ghabbieh gol-van, iffirma xi invoices u telaq 'l hemm. Huwa ddikjara li dawk l-invoices li ffirma huma d-dokumenti CV1 u 2 esebiti fl-atti. Ikkonferma wkoll, fuq domanda tal-avukat tal-attur, li huwa kien ircieva s-somma ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) minghand Mark Camilleri u mhux is-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1,000) kif kien qal qabel waqt l-ezami. Qal ukoll wara li ra kopja tac-cekk esebit fl-atti illi c-cekk

kien gie moghti lilu vojt minghand Mark Camilleri, u mlieh hu. Tenna ukoll li huwa qatt ma hareg ricevuta ghal dan ic-cekk w in oltre s-somma tal-VAT kellha tinhadem wara, fl-ahhar, peress li Mark Camilleri ma kellux flus f'dawk iz-zminijiet.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti nhar is-7 ta' Dicembru 2010 fl-ismijiet premessi fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u ddikjarat li l-konvenut ghandu relazzjoni guridika mal-attur u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Rat illi wara li l-Qorti tat din is-sentenza preliminari hija zammet diversi seduti sabiex il-partijiet iresqu l-provi taghhom dwar il-mertu.

Illi nhar is-27 ta' Settembru 2011 l-attur **Nazzareno sive Ronnie Gauci** pprezenta l-affidavit tieghu u kkonferma li kien ftiehem mal-konvenut dwar x'tip ta' xoghol kellu jaghmel fil-proprjeta' tieghu G'Mangia u kienu ftehmu fuq l-prezzijiet. Qal li pero' l-VAT kellu jinhadem apparti. Ikkonferma li f'dak iz-zmien kien ghenu fix-xoghol certu Tano Zammit Cordina. Ikkonferma li l-bilanc dovut lilu mill-konvenut jammonta ghal erbat elef, mija u wiehed Ewro u tmienja u hamsin Ewro centezmu (€4,101.58) ghalkemm fir-rikors promotur hemm indikat is-somma ta' erbat elef u mitt Ewro (€ 4,100).

Ikkonferma li x-xoghol li kellu jaghmel lestieh sa Marzu 2008 ghalkemm qal li kien hemm kamra partikolari fejn rega' pogga l-madum mill-gdid peress li l-livell tal-konkos kien ghola f'certu postijiet minn ohra fl-istess karma. Tenna li ma setax jinduna b'dan l-izball minn qabel peress li kien hemm ramel li ntefa' minn haddiema ohra. Ikkonferma li dan ix-xoghol kien zejjed pero' sar minghajr spejjez ulterjuri addebitati lill-konvenut. Ikkonferma wkoll li sakemm lesta ix-xogholijiet kien ircieva biss il-hlas ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Ewro (€3,494) [Lm1,500] indikat fic-cekk (Dok FC3) u kif juri id-Dok FC4 huwa thallas biss parti minn dak dovut wara li lesta u cioe' f'Dicembru 2008 u dan wara diversi interpellazzjonijiet da parti tieghu anke tramite l-Avukat Dr Chris Cilia. Qal li kien

igiblu diversi skuzi biex ihallas meta kien imur fuq il-lant tax-xoghol u cioe' li ma kellux flus jew *cheque book* fuqu.

Rigward problemi fix-xoghol li kellu u l-ispejjez u danni li l-konvenut semma f'Dok FC5, l-attur qal li l-konvenut qatt ma semmhielu xejn u dwar il-kwistjoni tax-xoghol li l-konvenut ighid li ma sarx fil-bathroom tal-*penthouse,* ikkonferma li dan ghamlu wara li kien ircieva il-pagament f'Dicembru 2008. Qal li ma kienx ghamel ix-xoghol f'din il-bathroom ghaliex l-konvenut ma kienx halsu taghha tant li kien anke hallas xi materjal minn butu kif jirrizulta mid-Dok FC4.

Dwar dak li lmenta il-konvenut fid-Dok FC5, l-attur tenna li mhux minnu li kien hemm xi madum li nqasam. Dwar ix-xoghol tal-entratura l-konvenut spjega li hallas l-ammont ta' tlett mitt Ewro (€300) f'Dok FC5, l-attur spjega illi dan ma setghax isir ghaliex il-pajpiet kienu ghola minn fejn kellu jitqieghed il-madum.

L-attur ikkonkluda billi qal li l-konvenut qatt ma kien ilmenta mieghu dwar xi difett fix-xoghol u stqarr li d-difetti li l-konvenut semma fid-dokument FC5 sar jaf bihom biss waqt l-andament tal-kawza.

**Tano Zammit Cordina** xehed permezz ta' affidavit ipprezentat fl-atti nhar id-9 ta' Novembru 2011. Huwa stqarr li jigi l-kugin ta' l-attur u xi tlett snin ilu kien mar jghinu jaghmel xi xoghol f'appartamenti gewwa G'Mangia. Tenna li huwa kien inewwillu l-materjal izda bhala xoghol ta' twahhil dejjem l-attur hadem.  Qal li lill-konvenut jafu ghaliex kien imur jara x-xoghol u qatt ma kien gerger mix-xoghol li kien qed isir, anzi kien ifahhar ix-xoghol ta' Ronnie u kien semmhielu li kellu blokka ohra n-Naxxar u kellu l-hsieb li jqabbad lilu.  Spjega li meta lesta minn mieghu l-attur kien fadallu xi xogholijiet zghar x'jaghmel. Fil-fatt meta lesthielu l-komun u zewg appartamenti, l-attur kien qallu li l-konvenut ma riedx ihallsu u meta kien jitolbu l-hlas, il-konvenut kien jghidlu li m'ghandux *cheque book* fuqu jew li kellu jigbor xi flus minghand haddiehor u anke qallu li kellu xi problemi familjari.

Illi fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2011 l-attur iddikjara li m'ghandux provi aktar xi jressaq u l-Qorti iddiferiet il-kawza ghall-provi tal-konvenut. Fit-tlett seduti sussegwenti ffissati ghall-provi tal-konvenut u cioe' nhar it-23 ta' Novembru 2011, nhar is-16 ta' Dicembru 2011 u nhar id-9 ta' Jannar 2012, il-konvenut ma deherx u lanqas ressaq il-provi tieghu u kien ghalhekk li din il-kawza tinsab differita ghas-sentenza in difetto ostakolo.

Nhar il-15 ta' Frar 2012 xehed l-attur **Nazzareno sive Ronnie Gauci**, fuq domanda tal-Qorti, illi effettivament huwa thallas tlett pagamenti minghand il-konvenut, u cioe' l-ammont ta' elf, erbgha mija u tmenin Ewro (€1,480) nhar l-10 ta' Dicembru 2008, ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) nhar id-29 ta' Dicembru 2008 u l-ammont ta' hames mitt Ewro (€500) nhar it-30 ta' Dicembru 2008 u kkonferma illi l-bilanc dovut huwa dak imsemmi fir-rikors promotur.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) dwar it-tip ta' prova li hi necessarja sabiex attur jipprova l-kaz tieghu u cioe' ghas-sentenza fl-ismijiet '**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi'** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

"*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li*

*juri prima facie li t-tezi ta’ l-attur hija sostenuta’ – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta’ l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta’ l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma’ l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta’ revizjoni – Ara b’ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta’ Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)”;*

Illi f’din il-kawza l-attur qed jghid li huwa ghamel xi xoghol ghall-konvenut u kien ghad fadallu jithallas is-somma ta’ erbat elef u mitt Ewro (€4,100) minghandu. Huwa spjega f’hiex kien jikkonsisti dan ix-xoghol. Il-konvenut minn naha tieghu jaqbel li verament ghamel xi xoghol ghalih pero’ jghid fl-eccezzjonijiet tieghu li effettivament m’ghandu jhallsu xejn. Fil-provi pero’ l-konvenut jghid li sofra danni u fil-fatt sahansitra jghid li mhuxtalli m’ghandux jaghti, izda ghandu jiehu minghand l-attur ghalkemm kontro-talba ma gietx prezentata minnu ghal dan il-ghan. L-attur ikkonferma li kemm dam ghaddej ix-xoghol, il-konvenut

qatt ma lmenta mieghu dwar in-natura tax-xoghol u fil-fatt ressaq lil kuginuh certu Tano Zammit Cordina, li hadem mieghu ghal xi zmien, sabiex jikkonferma li l-konvenut kien imur fuq il-lant tax-xoghol u kien jawgura lill-attur ghax-xoghol li kien qed jaghmel u qatt ma semghu igorr mix-xoghol jew jghid li kien hemm xi difetti.  Tant mhux hekk kif qed jinghad mill-konvenut fl-affidavit tieghu, li fil-fatt jghid li l-konvenut kien qallu li kien ser iqabdu fuq bicca xoghol ohra.

Il-konvenut minn naha tieghu kien ipprezenta affidavit fil-bidu tal-kawza pero' ma indenjax ruhu jkompli jsegwi il-kawza tieghu u ma ssostanzjax dak li allega fl-affidavit tieghu u lanqas ressaq prova sabiex jikkonferma dak sostnut minnu. Il-konvenut strah biss fuq l-affidavit tieghu ghal dak li jirrigwarda ghall-ispejjez li hareg, ghall-hsarat u danni li sofra u ghal fatt li effettivament ghandu jiehu minghand l-attur. Il-Qorti issibha difficli temmen li bniedem li jemmen li ghandu jiehu somma sostanzjali 'l fuq min tlett elef Ewro (€3,000) minghand xi hadd, ma jagixxix jew ma jsemmi xejn meta jigi sabiex jirrispondi ittra ufficcjali li kien ircieva minghand l-attur qabel ma infethu dawn il-proceduri odjerni.

Il-Qorti vera hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti pero' thoss li l-fatti kif spjegati mill-attur ghandhom aktar mis-sewwa u dak li sostna il-konvenut sostnieh biss sabiex itawwal il-proceduri odjerni u jittanta jevita dak li effettivament dovut.

Ghalkemm fl-affidavit tieghu jghid li mhux minnu li kienu qablu dwar il-prezzijiet ghaliex fil-fehma tieghu jghid li l-VAT kien inkluz fil-prezz kwotat mill-attur waqt li l-attur jghid li l-VAT kien apparti, l-konvenut izommha bhala *benchmark* ta' dak dovut is-somma indikata primarjament mill-attur.  Qatt ma jghid xejn dwar il-kwistjoni tal-VAT meta jaghmel il-kalkoli tieghu.  Il-Qorti thoss li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex jikkorobora jew ahjar jissostanzja dak eccepit minnu.

Fil-kawza fl-ismijiet '**George Bugeja vs Joseph Meilaq'** deciza nhar *it-30 ta' ottubru 2010 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili gie ritenut li :-*

*"Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi.*

*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni."*

**Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonkludi billi tiddikjara li ghandha tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur dik is-somma indikata fir-rikors promotur fl-ammont ta' erbat elef u mitt Ewro (€4,100).**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza kif mitlub fir-rikors promotur ghandhom jigu sopportati mill-konvenut. L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika lill-konvenut ta’ l-Ittra Ufficcjali Numru 4790/2008.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------